**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 168/18 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi r-rikorrenti żżewġu nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (28/05/1994) fil-Knisja tal-Qalb Bla Tebgha' ta' Marija, gewwa Burmarrad, kif ikkonfermat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg, twieled tifel, T, nhar is-sittax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (16/11/1994), illi huwa maggorenni u ghandu tlieta u ghoxrin sena (23);

3. Illi r-rikorrenti ilhom legalment separati sa mit-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (30/09/2013), permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli, liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';

4. Illi r-rikorrenti ddekadew mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Dok 'B', klawsola numru sebgha (7)) u ghaldaqsant m'hemm ebda manteniment jew arretrati dovuti;

5. Illi fl-istess kuntratt ma hemm l-ebda manteniment regolat ghal binhom stante illi huwa kien diga maggorenni, u lanqas ma hemm arretrati dovuti f'dan ir-rigward;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu l-esponenti sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet tal-kontendenti;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-30 ta' Settembru, 2013 u ilhom aktar minn erba' snin mifrudin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.